Winston L Zammit BA(Hons) P.G.C.E. MA

## L-Organizzazzjoni tal-Festa
## Prokuraturi – Kumitati – Voluntiera (1913-1955)

L-Organizzazzjoni tal-Festa Titulari tal-Parroċċa tagħna hija r-responsabilità esklussiva tal-Patrijiet Franġiskani. Minn fost il-membri tal-istess komunità jinħatar il-Prokuratur tal-Festa. Iżda billi waħdu ma jistax jaħdem, dan kif ser naraw matul is-snin dejjem kellu l-għajnuna ta' xi kumitat jew voluntieri.


Triq San Duminku armata għall-Festa

1913-1919: Mir-riċerka li għamilt insib li fl-1913 kien jeżisti l-Kumitat tal-Festa (1). Fl-1917 insib li C. Camilleri kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Festa, u minn tagħrif li deher f'gażżetta lokali nafu li kien isir ġbir kull nhar ta' Ħadd u arbural (2). Il-Kumitat jerġa' jissemma fl-1918 (3) u fl-1919, meta ġie deskritt bħala l-Kumitat tal-Festi Esterni. F'dik is-sena l-festa esterna ma saritx, u għaldaqstant l-arbural ma sarx (4).

1920-1929: Għall-festa tal-1920, kemm dik ta' barra u dik ta' ġewwa rsista ħafna Patri Piju Balzan (5). Il-Kumitat tal-Festa jerġa' jissemma fis-snin 1922 (6) 1923 (7) 1924 (8) 1925 (9) u 1929 (10).

1930-1939: Fl-1930 is-Segretarju tal-Kumitat tal-Festi kien is-Sur Francesco Barbuto (11). Dan il-Kumitat jidher li kien għadu qed jiffunzjona f'Mejju 1932 (12). F'Ġunju 1933 Patri Fortunato Camilleri OFM kien il-Prokuratur tal-Festa, u kien hemm ukoll kumitat (13), iżda meta ġie ppubblikat ir-rendikont tal-festa, bid-data tal-20 ta' Lulju 1933, insibu żewġ firem dik ta' Patri Innoċenz Abram OFM bħala Prokuratur "ad interim" u Emilio Lombardi bħala kaxxier. Mill-istess rendikont nafu li d-dħul total kien ta' £90. 90s 1d li kien jinkludi dħul ta' £50. 3s 5d mill-arbural, u dħul l-iehor ta' £37. 4s 8d, minn ġbir ieħor u badge day (14).

Fil-Festa Titulari tal-1936, il-Prokuratur kien Patri Sandro Azzopardi OFM (15) li kellu wkoll l-għajnuna ta' kumitat (16). Il-Kumitat jerġa' jissemma fl-1938 (17).

Żmien il-Gwerra (1941-1943): Fiż-żmien diffiċli tal-gwerra, b'parti mill-knisja mġarrfa (1942), il-festa saret biss ġewwa fil-knisja (18), iżda billi fl-1943 il-qagħda kienet tjiebet, il-festa saret kemm fil-knisja u barra kif jidher ċar mir-reġistri tal-kunvent. Għal din il-festa sar xi ġbir fil-knisja, u Patri Sandro Azzopardi OFM għamel ġabra speċjali li ħalliet is-somma ta' £120 (19).

Wara l-Gwerra (1946-1949): Għall-Festa Titulari tal-1946, kien hemm kumitat magħmul minn dawn is-sinjuri.

President Onorarju: Ir- Rev Patri Gwardjan Wistin Portelli OFM

President: Il- Perit Salvinu Privitera B Sc A&CE

Vici President: Is- Sur P. Schembri

Segretarju: Is- Sur Anton Grech

Kaxxier: Is- Sur Ġustinu Delia

Ass Kaxxier: Is- Sur Ġorg Gauci

Prokuratur: Is- Sur Victor Suda

Membri: Is-Sinjuri L. Galea, A. Alfino, Ġ. Mizzi, C. Cassar, C. Pisani, V. Suda, F. Caruana (21). Il-Kumitat tal-Festa baqa' jiffunzjona fis-snin 1947 (21) u fis-snin 1948–1949, meta kellu bħala kaxxier lis-Sur Carmelo Camilleri (22).

Patri Nerik Cassar OFM:

Bejn is-snin 1951-1955 il-Prokuratur tal-Festa kien Patri Nerik Cassar OFM, li kien ġie ordnat saċerdot fl-1949. Patri Nerik jidher li daħal fil-kariga wara l-festa fl-1951, u baqa żgur f'din il-kariga sal-bidu tal-1955. Biex jiġbor il-fondi għall-festa b'effett minn Lulju 1951, daħħal is-sistema ta' ġbir ta' kull ġimgħa f'numru ta' toroq tal-Parroċċa u għal kull triq kellu kollettur, kif se jidher minn din it-tabella.

**Ġbir ta' kull gimgħa Lulju 1951-Mejju 1952**

| | ISEM TAT-TRIQ | KOLLETTUR | FLUS MIĠBURIN |
|---|---|---|---|
| 1 | Tonna | G. Schembri | £ 13. 6s 9 d |
| 2 | Santa Marija | F. Gauci | £ 16. 0s 10 d |
| 3 | Church | C. Attard | £ 10. 17s 8 d |
| 4 | Carmel | C. Grima | £ 13. 9s 6½ d |
| 5 | San Duminku | C. Attard | £ 13. 16s 6½ d |
| 6 | Prince of Wales | Patri Nerik | £ 40. 0s 0 d |
| 7 | San Trofimu | J. Scicluna | £ 23. 5s 8 d |
| 8 | San Ġwann Battista | V. Suda | £ 14. 12s 3 d |

Fis-snin ta' wara, dan il-ġbir kompla jsir u daħlu wkoll toroq oħra bħal Rudolfu, San Ġakbu, Prince of Wales Junction, Prince Albert, San Ġużepp u San Ġjacintu. Fis-sena 1953-1954 il-ġbir minn tnax-il triq ħalla s-somma ta' £ 95. 10s 3d. Jidher li l-aħħar ġbir b'rabta mat-toroq sar fi Frar 1955 (23). Dawn il-flus kollha nġabru bl-għajnuna ta' dawn il-kolletturi, li kull ġimgħa b'sens ta' mħabba lejn il-Madonna, kienu jħabbtu l-bibien tal-Parroċċa. Fost il-kolletturi ta' Triq Santa Marija bejn Awwissu 1953 u Frar 1954, insibu lil Ġuzi Monsigneur, li f'dik is-sena stess emigra mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja, fejn għadu jgħix mimli bil-għomor (24).


**(1)** Malta Tagħna, 7-VI-1913
**(2)** IBID, 7-VII-1917
**(3)** IBID, 15-VI-1918
**(4)** IBID, 5-VII-1919, 26-VII-1919
**(5)** The Malta Herald, 30-VI-1920
**(6)** Malta Tagħna, 1-VII-1922 p 5
**(7)** Piccola Cronaca della Parrocchia di N.S della Sua Erezione p 40
**(8)** Malta Tagħna, 12-VII-1924
**(9)** The Daily Malta Chronicle, 1-VII-1925
**(10)** Arkivju Soċjetà Filarmonika Sliema Vol III Seduti tal-Kumitat 1927-1932, Seduta 4-VI-1929 p 72
**(11)** IBID Volum Korrespondenza 1929 -1931, Ittra ta' F. Barbuto lill-President tas- Soċjetà Filarmonika Sliema 17-VI-1930
**(12)** IBID Vol III Seduta Kumitat 1927- 1932, Seduta 12-V-1932 p 189
**(13)** IBID Vol V1 Seduta Kumitat 1932- 1951, Seduta Kumitat Ġunju 1933 p 55
**(14)** Arkivju Provinċjali Patrijiet Minuri Valletta Atti Oriġinali Sliema Vol 2 Dokument 140
**(15)** L-Anġlu tal- Paċi, Awwissu 1936 p 453
**(16)** A.S.F.S., Vol VI Seduta tal- Kumitat 1932-1951, Seduta 9-VII-1936
**(17)** IBID, Seduta 14-VI-1938
**(18)** A.P.P.M.V., Amministrazzjoni Sliema 1937-1942, 1942 - 1947
**(19)** IBID, Amministrazzjoni Sliema 1942-1947
**(20)** Leħen Is- Sewwa, 25-V-1946 p 2
**(21)** A.S.F.S., Vol VI Seduta tal- Kumitat 1932-1951, Seduta 3-1-1947.
**(22)** IBID, Seduta 28-IV-1948, 16-11-1949, 25-V-1949, 10-VI-1949.
**(23)** Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
**(24)** IBID